Quot. No. 05/12. Provision of light, stages and tents for New Year's Eve activity 2012-2013.

Further details are obtained from the Local Council's telephone number: 2156 3344.

30th November, 2012

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Il-Kunsill Lokali L-Imqabba jgħarraf illi:

Sas-6.30 p.m. ta' nhar it-Tlieta, it-18 ta' Diċembru, 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż. Nru. T9/2012. Kostruzzjoni ta' kanal tal-ilma taxxita fi Triq il-Qattara.

Għandu jitħallas dritt ta' €35 għal kull dokument tal-offerta.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

Aktar tagħrif jinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru tat-telefon tal-Kunsill Lokali fuq: 2168 0622.

It-30 ta' Novembru, 2012

MQABBA LOCAL COUNCIL

The Mqabba Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received at the Council Administrative Office up to 6.30 p.m. on Tuesday, 18th December, 2012 for:

Advt. No. T9/2012. Construction of a storm water culvert in Triq il-Qattara.

A fee of €35 has to be paid for every tender document.

The Council reserves the right to refuse all tenders.

Further details are obtained from the Executive Secretary on the Local Council's telephone number on: 2168 0622.

30th November, 2012

KUNSILL LOKALI IL-MARSA

Il-Kunsill Lokali Il-Marsa jgħarraf illi:-

Sas-1.15 p.m. ta' nhar it-Tnejn is-17 ta' Diċembru, 2012 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLM 10/12. *PV panels* fl-uffiċċji l-ġodda tal-Kunsill Lokali.

Għandu jitħallas prezz ta' €105 għal kull dokument tal-offerta.

Id-dettalji kollha jinsabu fid-dokumenti relatati li jingabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġuża.

It-30 ta' Novembru, 2012

MARSA LOCAL COUNCIL

The Marsa Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 1.15 p.m. of Monday, 17th December, 2012, for:-

Advt. No. KLM 10/12. PV panels at the proposed Local Council's offices.

A fee of €105 has to be paid for every tender document.

Full requirements are specified in the relevant tender documents.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous offer.

30th November, 2012

KUNSILL LOKALI L-IMDINA

Il-Kunsill Lokali L-Imdina jgħarraf illi:-

Sas-1.15 p.m. ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Diċembru, 2012, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 3/2012. Provvediment ta' servizzi ta' tindif u manutenzjoni ta' *parks,* ġonna, qsari u *soft areas* oħrajn fl-Imdina.

Għandu jitħallas dritt ta' €75 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerta li jinkludu t-termini u l-kundizzjonijiet jinġabru minn dan l-indirizz:

Kunsill Lokali L-Imdina,
Corte Capitanale,
Misraħ il-Kunsill
L-Imdina MDN 1050
Tel: 2145 0707,
Fax: 2145 0745
Email: (mdina.lc@gov.mt).

It-30 ta' Novembru, 2012

THE MDINA LOCAL COUNCIL

The Mdina Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to 1.15 p.m. on Thursday, 20th December, 2012, for:-

Advt. No. 3/2012. Provision of cleaning and maintenance services of parks, gardens, pots and other soft areas in Mdina.

A fee of €75 will be charged for every copy of tender document.

Tender documents including terms and conditions can be collected from the following address:

Mdina Local Council,
Corte Capitanale,
Misraħ il-Kunsill
Mdina MDN 1050
Tel: 2145 0707,
Fax: 2145 0745
Email: (mdina.lc@gov.mt).

30th November, 2012

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Diċembru, 2012, bħala parti mill-proġett ta' Konservazzjoni Kulturali u Turistika tal-Għarb jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. M323-17. Restawr tal-Knisja Parrokkjali tal-Għarb u z-zuntier.

Għandu jsir ħlas ta' €100 għal kull dokument tal-offerta.

Dokumenti tal-offerta u aktar informazzjoni jinkisbu mill-Kunsill Lokali L-Għarb. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-30 ta' Novembru, 2012

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday 28th December, 2012 as part of Għarb's Cultural and Touristic Conservation Project for the following:-

Advt. No. M323-17. Restoration of Għarb Parish Church and parvis.

A fee of €100 has to be paid for every tender document.

Tender documents and further information can be obtained from the Għarb Local Council. The Council reserves the right to refuse all offers, even the most advantageous.

30th November, 2012

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013
Assi 3 – Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja fiż-Żoni Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013
Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development
Europe Investing in Rural Areas

KUNSILL LOKALI IS-SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, l-4 ta' Jannar, 2013, fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. LCS34/12. Xogħlijiet ta' traqqigħ.

Avviż Nru. LCS33/12. Servizzi ta' *Accountant*.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument ta' kull offerta.

Kwot. Nru. LCS32/12. *Traffic management consultant*.

Il-formoli tal-offerti/kwotazzjoni jinkisbu mill-indirizz imsemmi hawn fuq wara li jitħallsu d-drittijiet imsemmija mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-Kunsill Lokali iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta/kwotazzjoni vantaġġuża. L-offerti/kwotazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Tel: 2146 6000, 2146 8874
Fax: 2146 2946

It-30 ta' Novembru, 2012

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that:

Sealed tenders/quotations will be received in the tender box at the Council's Office at the Civic Centre, 18, Pjazza San Nikola, Siġġiewi, up to noon of Friday, 4th January, 2013, for:-

Advt. No. LCS34/12. Patching works.

Advt. No. LCS33/12. Services of an Accountant.

A fee of €50.00 will be charged for every copy of each tender document.

Quot. No. LCS32/12. Traffic management consultant.

Forms of tenders/quotation are obtained from the abovementioned address against the relative payment, from Monday to Friday between 8.00 a.m. and noon.

The Local Council reserves the right not to accept even the most advantageous offer. Late tenders/quotations will not be accepted.

Tel: 2146 6000, 2146 8874
Fax: 2146 2946

30th November, 2012

AVVIŻI TAL-QORTI - *COURT NOTICES*

1993

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-23 ta' Ottubru 2012, fl-atti tar-Rikors Numru 842/11 SM, Av. Dott. Simon Cachia noe vs Ancams Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Ancams Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fl-24 ta' April 2012, fil-kawża Rikors Numru 842/2011 SM, fl-ismijiet Avukat Dott. Simon Cachia (K.I. Nru. 434281M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti soċjetà A.G. Distribuzione S.r.L. soċjetà reġistrata Sqallija, l-Italja, għan-nom in rappreżentanza tal-istess vs Ancams Limited (C-19060),

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, on the 23rd October 2012, in the records of the Application Number 842/11 SM, Adv. Dr Simon Cachia noe vs Ancams Limited, the following publication was ordered for the purpose of service of the company Ancams Limited, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Judgement of the First Hall Civil Court, given on the 24th April 2012, in the cause Application Number 842/2011SM, in the names Advocate Dr Simon Cachia (I.D. Number 434281M) as special mandatary of the absent company A.G. Distribuziobne S.r.L. a company registered in Sicily, Italy, in the name and in representation of the same vs Ancams Limited (C -19060),

Il-Qorti;

Rat ir-rikors promotur datat 30 ta' Awwissu 2011, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine informa sintetikament il-Qorti, bis-segwenti:

1. Illi fil-5 ta' Frar 2009, it-Tribunal ta' Modica, Sqallija kien iddekreta u kkundanna lis-soċjetà intimata Ancams Limited, biex tħallas lis-soċjetà rikorrenti A.G. Dstribuzione S.r. l. hawn rappreżentata mir-rikorrenti nomine s-somma ta' (€23,868.19) bl-imgħaxijiet u taxxi relattivi hemm indikati, oltre l-ammont ta' (€680.25) spejjeż, ai termini tal-istess.

2. Illi l-oppożizzjoni għall-istess sentenza da parte tas-soċjetà intimata, fuq indikata kienet ukoll miċħuda, mit-Tribunal bl-ispejjeż.

3. Illi ċ-ċertifikati relattivi rigwardanti l-ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi ta' natura ċivili u kummerċjali ġew debitament rilaxxati skont ir-regolamenti Ewropej appożiti;

4. Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti tixtieq teżegwixxi d-deċiżjonijiet su riferit fil-ġurisdizzjoni Maltija, fejn is-soċjetà intimata hi reġistrata u stante li ai termini tar-regolament 41 tar-Regolamenti tal-Kunsill 44/2001 dawn għandhom f'dan l-istadju unikament jiġu dikjarati eżegwibbli immedjatament wara t-twettiq tal-formalitajiet rikjesti.

Illi konsegwentement ir-rikorrenti nomine, fuq indikat jitlob illi din il-Qorti;

1. Tiddikjara d-deċizjoni su riferita datata l-5 ta' Frar 2009 u s-sentenza konsegwenzjali wkoll riferita datata 13 ta' Diċembru 2010, huma eżegwibbli u enforzabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija;

2. Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata.

...omissis...

Din il-Qorti m' għandha l-ebda alternattiva ħlief li wara li ġew stabbiliti r-rekwiżiti rikjesti mir-Regolamenti fuq riferiti;

1. Tiddikjara li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Modica datati l-5 ta' Frar 2009 u t-13 ta' Diċembru 2010, huma eżegwibbili u enforzabbli fil-ġurisdzzjoni Maltija;

The Court;

Having seen the original application dated 30 th August 2011, in virtue of which the applicants nomine briefly informed the Court, with the following:

1. That on the 5th February 2009, The Tribunal of Modica, Sicily had decreed and condemned the respondent company Ancams Limited, to pay the applicant company A.G. Distribuzione S.r.L. hereby represented by the applicant nomine the sum of (€23,868.19) with interests and the relative taxes thereby indicated, besides the amount of (€680.25) costs in terms of the same.

2. That the opposition to the same judgement on the part of the respondent company above indicated was also rejected by the Tribunal, with costs.

3. That the relative certificates regarding the jurisdiction, recognition and enforcement of judgements of a civil and commercial nature were duly released according to the appropriate Ewropean regulations;

4. That thus the applicant company wishes to execute the decisions above referred to within the Maltese jurisdiction whereby the respondent company is registered and since in terms of regulation 41 of the Council Regulations 44/2001 these are still at this stage they be declared immediately executable following the execution of the required formalities.

That consequently the applicant nomine above indicated asks this Court;

1. To declare that the decision above referred dated 5th February 2009 and the consequential judgement also referred dated 13th December 2010, are executable and enforceable in Maltese jurisdiction;

2. With costs, against the respondent company.

...omissis...

This Court has no alternative that after the requisites required by the Regluations above referred;

1. Declare that the decisions of the Tribunal of Modica dated 5th February 2009 and 13th December 2010, are executable and enforceable within the Maltese jurisdiction;

2. Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata Ancams Limited (C 19060).

3. Illi konsegwenza tal-istess tordna li d-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni fuq imsemmija għandha tiġi servuta fuq is-soċjetà intimata Ancams Limited fuq indikata flimkien ma' l-atti l-oħra relattivi.

Notifika: Soċjetà Ancams Limited, Direttriċi Carmen Micallef, Carmen House, Triq il-Maħlut, Tal-Mirakli, Lija.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Novembru 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. With costs against the respondent company Ancams Limited (C 19060).

3. That following the same order that the declaration of execution above mentioned shall be served on the respondent company Ancams Limited, above indicated together with the other relative acts.

Notify: Company Ancams Limited, Director Carmen Micallef, Carmen House, Triq il-Maħlut, Tal-Mirakli, Lija.

Registry of the Superior Courts, today 28th November 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1994

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Novembru 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, fl-atti tas-subbasta numru 17/2008 fl-ismijiet "Gozo Village Holidays Ltd. et vs Michael Cremona", ordna l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt miġjub skont l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iservi ta' notifika fir-rigward ta' Michael Cremona (K.I.: 52559G);

Is-soċjetà Gozo Village Holidays Ltd. ippreżentat rikors fl-atti tas-subbasta fuq ċitata fil-11 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-Perit Gordon Vella biex jirrevedi l-pjanta ppreparata minnu bħala dok. GV1 u dana billi tinkorpora fiha l-proprjetà kollha murija fuq id-dokument GP1 esebita mal-istess rikors.

U b'digiriet tas-16 ta' Ottubru 2012, il-Qorti ordnat in-notifika lill-partijiet l-oħra interessati biż-żmien erbat'ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Inferjuri Ċivili.

Illum 28 ta' Novembru 2012

JACLYN MAGRIN
Deputat Reġistratur

IT IS hereby notified that in virtue of a decree given on the 14th November 2012, the Court of Magistrates (Gozo), in its Superior Jurisdiction, in the records of judicial sale 17/2008 in re "Gozo Village Holidays Ltd. et vs Michael Cremona" ordered the publication of the hereunder reproduced extract for the purpose of service in terms of section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta to Michael Cremona (I.D.: 52559G);

On the 11th October 2012 the company Gozo Village Holidays Ltd. filed an application in the records of the above mentioned judicial sale wherein it requested the Court to order architect Gordon Vella to review the plan prepared by himself marked as doc. GV1, and this by including in it the property as shown in document GP1 exhibited with the same application.

And by a decree dated 16th October 2012, the Court ordered notification to the other interested parties with four days to present their reply.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction

This 28th November 2012

JACLYN MAGRIN
Deputy Registrar

1995

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-8 ta' Ottubru 2012, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Farrugia Jennifer et vs Steer Chetham Roy et, Rikors Ġuramentat numru 783/12 FS, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Jennifer Farrugia (K.I. 179063M) Paul Degaetano (K.I. 505462M) Josienne mart Paul Degaetano (K.I. 222663M) u Raymond Steer Chetham (K.I. 218359M) f'isimhom propju u f'isem is-soċjetà irregolari bl-isem 'RS Partners' kif ukoll Jane mart Ray Steer Chetham (ID 88956M) u Eugenio żewġ Jennifer Farrugia (K.I. 15362M) għal kull interess li jista' jkollhom vs Roy Steer Chetham (K.I. 187193M) and Carla Steer Chetham mart l-istess Roy (K.I. 3566M) għal kull interess li jista' jkollha fit-3 ta' Awwissu 2012, ir-rikorrenti talbu l-konvenuti, jgħidu għaliex din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex:

1.Tiddikjara l-konvenuti responsabbli għad-danni subiti mill-atturi b'konsegwenza ta' negliġenza, traskuraġini, nuqqas ta' ħila u aġir frawdolenti tal-konvenut, tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Il-konvenuti huma inġunt in subizzjoni.

Atturi: Ray Steer Chetham et 'Dsalon'
Triq il-Qantar (kantuniera ma' Triq il-Keffa,
Tal-Ibraġġ.

Konvenuti: 1. Roy Steer Chetham
Flat 10, Binja Għenieq, Flats Indipendenza,
Triq il-Ħamrija,
Naxxar.

2. Carla Steer Chetham,
Flat 10, Binja Għenieq, Flats Indipendenza,
Triq il-Ħamrija,
Naxxar.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Farrugia Jennifer et vs Steer Chethamn Roy et, rikors numru 783/2012 FS, jinsab differit għas-smigħ għall-14 ta' Jannar 2013, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Novembru 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the First Hall Civil Court on the 8th October 2012, in the records of the Sworn Application, in the names Farrugia Jennifer et vs Steer Chetham Roy et, Sworn Application number 783/12 FS, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Jennifer Farrugia (I.D. 179063M) Paul Degaetano (ID 505462M) Josienne wife of Paul Degaetano (I.D. 222663M) and Raymond Steer Chetham (I.D. 218359M) in their own name and in the name of the irregular partnership with the name 'RS Partners' as well as Jane wife of Ray Steer Chetham (I.D. 88956M) and Eugenio husband of Jennifer Farugia (I.D. 15362M) for any interest they may have vs Roy Steer Chetham, (I.D. 187193M) and Carla Steer Chetham wife of the same Roy Steer Chetham (I.D. 187193M) and Carla Steer Chetham wife of the same Roy (I.D. 3566M) for any interest she may have, on the 3rd August 2012, the applicants asked the defendants to state why this Honourable Court should not:

1. Declare the defendants responsible for the damages suffered by the plaintiffs as a consequence of negligence, carlessness, lack of ability and fraudolent behaviour of the defendant, liquidate if necessary by the appointment of referees the damages suffered by the plaintiffs and uphold the other demands in the application.

The defendants are summoned so that a reference to their evidence is made.

Plaintiffs: Ray Steer Chetham et, ' Dsalon'
Triq il-Qantar, (kantuniera ma' Triq il-Keffa,
Tal-Ibraġ.

Defendants:1. Roy Steer Chetham
Flat 10, Binja Għenieq, Flats Indipendenza,
Triq il-Ħamrija,
Naxxar.

2. Carla Steer Chetham,
Flat 10, Binja Għenieq, Flats Indipendenza,
Triq il-Ħamrija,
Naxxar.

The Sworn Application in the names Farrugia Jennifer et vs Steer Chetam Roy et, application number 783/2012 FS, has been put off for hearing on the 14th January 2013, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th November 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar , Civil Courts and Tribunals

1996

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Billi Josephine Galea (K.I. 820348M) bħala mandatarja speċjali ta' Mary Anne (K.I. 440754M) u Kevin Paul (Passaport Inliż nru. 303203378) konjugi Pilner ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 1141/2012 JA) fejn talbet ANNOTAZZJONI fl-ATT TAŻ-ŻWIEĠ tagħhom numru 1667/2011 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum, 28 ta' Novembru 2012

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT – FIRST HALL

Whereas Josephine Galea (I.D. 820348M) as a special attorney of Mary Anne (I.D. 440754M) and Kevin Paul (English Passport no. 303203378) spouses Pilner filed an application under oath (No. 1141/2012 JA) demanding CORRECTION in their ACT OF MARRIAGE number 1667/2011 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 28th November 2012

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1997

B'digriet mogħti fl-10 ta' Lulju 2012, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors Numru 1132/06 JA, fl-ismijiet J.V. & S Developments Limited vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati appellati Joseph u Carmen Pace, a tenur tal-Artikolu 187(3) Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors 1132/06 JA, J.V. & S Developments Limited (C 28790) vs Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, Reġistratur tal-Qorti, Qrati Ċivili u Tribunali, Scala Developments Company Limited (C 18453) u Joseph u Carmen konjugi Pace, fis-27 ta' Jannar 2012, ir-rikorrenti soċjetà J.V. & S. Developments Limited (C 28790) esponew bir-rispett:

By means of a decree given, on the 10th July 2012, by the Court of Appeal, in the records of the Application Number 1132/2006 JA, in the names J.V. & S Developments Limited vs Director Civil Courts and Tribunals, the following publication was ordered for the purpose of the respondents Joseph and Carmen Pace, in terms of Article 187(3) Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an application of Appeal filed in the Court of Appeal, in the records of the Application 1132/2006 JA, J.V.& S Developments Limited (C 28790) vs the Director, Civil Courts and Tribunals, Registrar of Courts, Civil Courts and Tribunals, Scala Developments Company Limited (C 18453) and Joseph and Carmen spouses Pace, on the 27th January 2012, the applicant company J.V. & S. Developments Limited (C 28790) respectfully pleaded:

1. Illi b'rikors ġuramentat is-soċjetà attriċi appellanta, permezz ta' kuntratt tal-31 ta' Lulju 2006, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, akkwistat kwint indiviż tal-proprjetà miżmuma in komunjoni fil-blokk ta' appartamenti 37, Tignè Seafront, Sliema.

2. Illi l-appartament Nru 1 fil-blokk 37, Tigne Seafront, Sliema, kien soġġett għall-proċedura ta' bejgħ bis-subbasta numru 24/2003 quddiem din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi l-istess bejgħ in subbasta nru 24/2003 ġie notifikat lill-pubbliku permezz ta' avviżi legali fil-ġurnali lokali u fil-Gazzetta tal-Gvern ...omissis... illi fl-avviżi ċitati hemm espressament spjegat kif tali appartament għandu jinbiegħ u fiex jikkonsisti tali bejgħ.

4. ...omissis...

5. ...omissis...

6. ...omissis...

7. Illi n-nota tal-att ta' liberazzjoni kienet errata u dan stante li ma kinitx limitata biss għall-appartament internament markat numru 1, ġewwa il-blokk 37, Tignè Sea Front, Sliema, imma inkludiet ukoll il-kwint indiviż tal-partijiet miżmuma in komunjoni, li skont l-istess avviżi legali, qatt ma kienu inklużi fil-bejgħ bis-subbasta.

8. ...omissis...

9. ...omissis...

10. Illi l-istess Direttur Qrati Ċivili u Tribunli u Reġistratur tal-Qorti, Qrati Ċivili u Tribunali, ċaħad din it-talba fl-14 ta' Novembru 2006 u għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn l-appellant talab lill Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,

i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà attriċi appellanta hija proprjetarja tal-kwint indviż tal-arja tal-bejt u tal-partijiet in komuni tal-blokk ta' appartament 37, Tignè Seafront, Sliema, mixtri b'kuntratt tal-31 ta' Lulju 2006, fl-atti tan-Nutar Joseph H.Saydon.

1. That by means of a sworn application the appellant plaintiff company, by means of a contract of the 31st July 2006, in the records of Notary Joseph Henry Saydon, acquired one-fifth undivided share of the property held in common in the block of appartments 37, Tignè Seafront, Sliema.

2. That the appartment Number 1, in the block 37, Tigne Seafront, Sliema, was subject to the procedure of judicial sale number 24/2003, before this Honourable Court.

3. That the same judicial sale number 24/2003, was notified to the public by means of legal notices in the local newspapers and in the Government Gazette ...omissis... that in the notices mentioned there is expressly explained how such appartment is to be sold and in what such sale consists.

4. ...omissis...

5. ...omissis...

6. ...omissis...

7. That the note of adjudication was mistaken and this as it was not limited only to the appartment internally marked number 1, inside the block 37, Tignè Seafront, Sliema, but included also one fifth undivided of the parts held in common, which according to the same legal notices, were never included in the judicial sales.

8. ...omissis...

9. ...omissis...

10. That the same Director Civil Court and Tribunals and Registrar of Courts, Civil Courts and Tribunals, rejected this demand on the 14th November 2006 and thus this cause had to be made whereby the appellant asked the First Hall Civil Court,

i. To declare and decide that the appellant plaintiff company, is the owner of one fifth undivided share of the airspace of the roof and of the common parts in the block of appartment 37, Tignè Seafront, Sliema, purchased by means of a contract of the 31st July 2006, in the records of Notary Joseph H. Saydon.

ii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi konsegwentement il-bejgħ in subbasta numru 24/2003, ma kienx jinkludi l-kwint indiviż tal-proprjetà tal-arja u tal-partijiet komuni u l-kamra tal-ħasil fuq il-bejt.

iii. Tordna lid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jagħmlu dawk il-korrezzjonijiet neċessarji fin-nota ta' liberazzjoni tat-22 ta' Novembru 2005, fl-istess atti tas-subbasta 24/2003 u tordna d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, biex jirreġistra tali korrezzjoni sabiex in-nota tal-insinwa rigwardanti l-imsemmija att ta' liberazzjoni, fl-istess atti tas-subbasta 24/2003, ma tibqax turi li l-kwint indiviż tal-arja hija proprjetà tas-soċjetà Scala Developments Company Limited (C 18453).

11. Illi b'risposta ġuramentata tagħha Scala Developments Company Limited eċċepiet il-karenza ta' interess tas-soċjetà rikorrenti, stante li l-interess tagħha jemana mid-dritt litigjuż tal-konjugi Pace u żiedet illi l-proċeduri użati fil-bejgħ in subbasta kienu kollha korretti.

12. Illi b'risposta ġuramentata oħra il-konjugi Joseph u Carmen Pace, eċċepew illi m'għadhomx is-sidien tal-proprjetà in kwistjoni, stante li biegħu is-sehem indiviż lill-atturi appellanti.

13. Id-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, b'risposta ġuramentata oħra eċċepixxa fir-risposta tiegħu:

Illi bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet premessi, mogħtija fid-9 ta' Jannar 2012, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet illi dak li jixtri u jakkwista b'atti mis-subbasta, ikun qed jakkwista dak li jiġi indikat fl-att promotur tal-istess subbasta u l-entità tal-proprjetà ma tiddependiex mid-deskrizzjoni li jindika il-perit tekniku li jiġi nominat.

Illi s-soċjetà attriċi appellanta, ħassitha aggravata b'din is-sentenza u għaldaqstant qiegħda umilment tinterponi dan l-appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-proprjetà immobili li tinbiegħ b'subbasta għandha tiġi stmata minn Perit tekniku u l-valur tagħha huwa determinanti fil-bejgħ tal-oġġett, kif jiddisponi l-Artikolu 313 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii. To declare and decide that consequently the judicial sale number 24/2003, did not include the one fifth undivided part of the property of the airspace and of the common parts and the washroom on the roof.

iii. To order the Director, Civil Courts and Tribunals and the Registrar Civil Courts and Tribunals, to carry out the necessary corrections in the note of adjudication of the 22nd November 2005, in the same records of judicial sale 24/2003 and order the Director Public Registry to register the correction so that the note of enrolment regarding the said act of adjudication in the same records of the judicial sale 24/2003, does not continue to show that one-fifth undivided share of the airspace is the property of the company Scala Developments Company Limited (C 18453).

11. That by means of a sworn application Scala Developments Company Limited, pleaded the lack of interest of the applicant company, since its interest emerges from the litigious right of the spouses Pace and added that the procedures used in the judicial were all correct.

12. That by means of another sworn application the spouses Joseph and Carmen Pace, pleaded that they are no longer the owners of the property in question, since they sold their undivided share to the plaintiff appellants.

13. The Director Civil Courts and Tribunals by means of another sworn application pleaded in his reply:

That by means of a judgement of the First Hall Civil Court, in the cause in the names premised given on the 9th January 2012, the honourable First Hall Civil Court, decided that who buys and acquires by means of a judicial sale is acquiring that indicated in the original application of the same judicial sale and the entity of the property does not depend on the description indicated by the technical referee who is appointed.

That the plaintiff appellant company, felt aggrieved by this judgement and in thus humbly filing this appeal before this Honourable Court of Appeal.

That the grievances are clear and manifest and consist in the following:

1. That the immovable property which is sold by judicial sale is to be evaluated by a technical Referee and its value determined in the sale of the object as proposed by Article 313 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

2. Illi huwa l-obbligu tal-konvenut Reġistratur tal-Qorti, biex jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern, l-oġġett li kien se jinbiegħ b'deskrizzjoni tiegħu.

3. Illi r-Reġistratur tal-Qorti, ippubblika l-avviżi u ddikjara li l-proprjetà li ser tinbiegħ ossija Flat 1, 37, Tigne Seafront, Sliema, qed tinbiegħ bħal ma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti, fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-12 ta' Ottubru 2001.

4. ...omissis...

5. Illi jirriżulta bl-aktar mod ċar illi fl-istima u fid-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-appartamenti in kwistjoni ma kinitx qed tinbiegħ il-kwint indiviż tal-proprjetà tal-partijiet komuni.

6. Illi fil-bejgħ in kwistjoni kif deskritt fir-relazzjoni tal-Perit ma setgħtex tinbiegħ il-komproprjetà tal-partijiet in komuni imma d-dritt tal-użu tagħhom.

7. Illi fl-atti tas-Subbasta, dak li qed jiġi mibjugħ mhux dak li wieħed qed jitlob li jinbiegħ fir-rikors promotur, imma dak li l-pubbliku ġie mgħarraf bih mir-Reġistratur tal-Qorti, fuq stima u deskrizzjoni tal-Perit hekk imqabbad.

8. Illi għalhekk meta l-pubbliku ġie mgħarraf bid-data, ħin u lok tal-bejgħ skont l-avviż ippubblikat mill-istess Registratur, skont ir-rapport magħmul mill-Perit, ir-Registratur kien obbligat biex jinsinwa fir-Reġistru Pubbliku, xejn oltre minn dak li deher fl-avviż ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. ...omissis...

10. Illi l-attur appellant sar proprjetarju tal-kwint indiviż tal-arja tal-blokk bini in kwistjoni tal-partijiet komuni u għalhekk konsegwentement kellha ssir din il-kawża għall-korrezzjoni tal-insinwa.

11. ...omissis...

12. ...omissis...

13. ...omissis...

14. ...omissis...

2. That it is the duty of the defendant Registrar of Courts, to publish in the Government Gazette the object which was to be sold with a description of the same.

3. That the Registrar of Courts, published the notices and declared that the property which shall be sold Flat 1, 37, Tigne Seafront, Sliema, is being sold as described by AIC Joseph Ellul Vincenti, in his report sworn on the 12th October 2001.

4. ...omissis...

5. That it results most clearly that in the valuation and the description of the sale of the apartments in question the one-fifth undivided share of the common parts was not being sold.

6. That in the sale in question as described in the report of the Referee the co- ownership of the common parts could not be sold but the right of their use.

7. That in the records of the Judicial Sale what is being sold is not what is being asked to be sold in the original application, but what the public was notified with by the Registrar of Courts following a valuation and description of the Architect so appointed.

8. That thus when the public was notified, with the date, time and place of the sale according to the notice published by the same Registrar, according to a report made by the Referee, the Registrar was obliged to enrol in the Public Registry, nothing more that what appeared in the Government Gazette.

9. ...omissis...

10. That the plaintiff appellant became an owner of the one fifth undivided share of the airspace of the block of buildings in question of the common parts and thus consequently this cause had to be made for the correction of the note of enrolment.

11. ...omissis...

12.. ...omissis...

13. ...omissis...

14. ...omissis...

15. Illi konsegwentement dak li bagħat ir-Reġistratur tal-Qorti, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, wara s-Subbasta msemmija ma kienx jirrifletti dak li ġie mibjugħ skont l-avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern u dak li ġie deskritt fir-rapport tal-Perit Joseph Ellul Vincenti, stante illi l-istess Reġistratur tal-Qorti, deherlu li kellu jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, illi jinbiegħ kwint indiviż tal-partijiet komuni tal-blokk 37, Tignè SeaFront, Sliema, meta effettivament inbiegħet biss it-tgawdija tal-arja u tal-partijiet komuni tal-istess blokk.

15. That consequently what the Registrar of Courts sent to the Director Public Registry, following the judicial sale mentioned did not reflect what was sold according to the notices in the Government Gazette and what was described in the report of Architect Joseph Ellul Vincenti, since the same Registrar of Courts , was of the opinion that he had to inform the Director Public Registry that one fifth undivided share of the common parts of the block 37, Tigne Seafront, Sliema, was sold, when effectively it was only the enjoyment of the airspace and the common parts of the same block were sold.

16. ...omissis...

16. ...omissis...

17. ...omissis...

17. ...omissis...

18. Illi għaldaqstant meta s-soċjetà appellata Scala Developments Company Limited, akkwistat l-hawn fuq ċitat appartament permezz tas-subbasta 24/2004 hija akkwistat biss l-appartament miżmum unikament mingħandha u mhux akkwistat ukoll is-sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-istess blokk.

18. That thus when the respondent company Scala Developments Company Limited, acquired the above mentioned appartment by means of judicial sale 24/2004, it acquired only the appartment held solely by it and did not acquire an undivided share of the common parts of the same block.

19. ...omissis...

19. ...omissis...

20. ...omissis...

20. ...omissis...

21. ...omissis...

21. ...omissis...

22. Illi l-istess konjugi appellati, f'rikors minnhom, preżentat, fl-atti tas-subbasta 24/2003 ipprovaw iġibu a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, illi l-Perit Ellul Vincenti, naqas fir-relazzjoni tiegħu milli jieħu in konsiderazzjoni l-arja kienet ser tinbiegħ flimkien mal-appartament u l-istima ma kinitx ikkunsidrat il-partijiet miżmuma in komunjoni bejn is-sidien tal-blokk.

22. That the same respondent spouses, in an application, filed by them in the same records of judicial sale 24/2003, tried to bring to the notice of this Honourable Court First Hall Civil Court, that Architect Ellul Vincenti, failed in his report to take into consideration that the airspace was going to be sold together with the appartment and the valuation did not include the parts held in common by the co-owners of the block.

23. ...omissis...

23. ...omissis...

24. ...omissis...

24. ...omissis...

25. ...omissis...

25. ...omissis...

26. Illi l-konjugi Pace kellhom kull dritt sabiex jittrasferixxu l-proprjetà in kwistjoni u dan għaliex tali proprjetà qatt ma kienet tifforma parti mis-subbasta 24/2003.

26. That the spouses Pace had every right to transfer the property in question and this because such property never formed part of the judicial sale 24/2003.

27. ...omissis...

28. ...omissis...

29. ...omissis...

30. Illi għaldaqstant il-konjugi Pace, bis-subbasta odjerna qatt ma trasferew il-proprjetà in kwistjoni permezz tas-subbasta, ergo kellhom kull dritt li jkunu firmatarji fil-kuntratt tal-31 ta' Lulju 2006, fejn huma trasferew bħala sidien tali proprjetà lis-soċjetà u għaldaqstant tali proprjetà biddlet is-sid mal-hawn fuq ċitat kuntratt u mhux fis-subbasta 24/2003.

31. ...omissis...

32. Illi l-aggravju tas-soċjetà appellanta, jikkonsisti fil-fatt li għalkemm il-provi u l-fatti kollha kif dedotti fosthom l-avviżi legali u l-prezz tal-istima juru kjarament li s-subbasta 24/2003 kienet biss tinkludi l-appartament, il-Qorti naqset milli tapprezza tali fatti.

33. ...omissis...

34. Illi f'din il-kawża u f'kull kawża oħra il-Qorti, dejjem iddistingwiet bejn id-dritt ta' tgawdija u d-dritt ta' proprjetà biex b'hekk din id-distinzjoni trid tkompli ssir skont il-ġurisprudenza tagħna u mhux jiġu ekwivalenti għal xulxin meta huwa ċar u manifest illi dak li jinbiegħ kien dritt ta' użu tal-partijiet komuni u mhux id-dritt tal-proprjetà.

Illi tali kunsiderazzjonijiet huma relevanti ferm għall-kawża odjerna.

35. ...omissis...

36. ...omissis...

Għaldaqstant is-soċjetà attriċi appellanta, filwaqt li tagħmel referenza għall-provi kollha miġjuba fil-Prim'Istanza u tirriserva li ġġib kull prova oħra lilha permessa mil-liġi, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, tirrevoka s-sentenza tad-9 ta' Jannar 2012, fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti

27. ...omissis...

28. ...omissis...

29. ...omissis...

30. That thus the spouses Pace by means of the present judicial sale never transfered the property in question by means of the judicial sale, and thus they had every right to be signatories on the contract of the 31st July 2006, whereby they transferred as owners the said property to the company and thus the said property changed the owner by the above mentioned contract and not in the judicial sale 24/2003.

31. ...omissis...

32. That the grievance of the appellant company, consists in the fact that although the proof and all the facts deduced amongst which the legal notices and the price of the valuation clearly show that the judicial sale 24/2003 included only the appartment, the Court failed to appreciate such facts.

33. ...omissis...

34.That in this case and in any other cause the Court, always ditinguished the right of enjoyment of property so that this distinction has to continue being done according to our jurisprudence and that they are not equivalent to each other when it is clear and manifest that what was sold was the right of use of the common parts and not the right of property.

That such considerations are very relevant to the present cause.

35. ...omissis...

36. ...omissis...

Thus the appellant plaintiff company, whilst referring to all the proof brought forward in the First Instance and reserves to bring forward all the proof permitted by law humbly asks this Honourable Court of Appeal, to revoke the judgement of the 9th January 2012, in the cause in the names above premised decided by the Honourable First Hall

Ċivili, kif mitlub f'dan ir-rikors u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellati. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Appellant: JB's Bureau, 95, Triq is-Sirk, Swieqi.

Appellati:1. ...omissis...
2. ...omissis...
3. Joseph u Carmen Pace - Fawwara Buildings, Triq Ġużè Fava, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 27 ta' Novembru 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Civil Court, as demanded in this application and rejects all the pleas of the respondent defendants. With costs of both instances against the respondent defendants.

Appellant: JB'S Bureau, 95, Triq is-Sirk, Swieqi.

Respondents: 1. ...omissis...
2. ...omissis...
3. Joseph and Carmen Pace-Fawwara Buildings, Triq Ġużè Fava, Sliema.

Registry of the Superior Courts, (Appeals) today 27th November 2012.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1998

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Billi John Paul (K.I. 550079M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 1133/2012 JA) fejn talab KORREZZJONI tal-ATT TAT-TWELID tiegħu numru 5500/1979 u f'dak ta' bintu Paula Sammut numru 497/2005 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum, 28 ta' Novembru 2012

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT – FIRST HALL

Whereas John Paul (I.D. 550079M) filed an application under oath (No. 1133/2012 JA) demanding CORRECTION in his ACT OF BIRTH number 5500/1979 and in that of his daughter Paula Sammut number 497/2005 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 28th November 2012

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*